MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 489/2013

Lawrence **GRECH**, Joseph Magro, Leonard Camilleri, David Cassar, Noel Dimech, Angelo Spiteri, Raymond Azzopardi, Charles Falzon, Philip Cauchi u Joseph Manġion

vs

Carmelo **PULIS**, Francesco *sive* Godwin Scerri, Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, Arċidjoċesi ta' Malta, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministru ta' l-Edukazzjoni u x-

Xogħol, u Direttur Ġenerali fl-Uffiċċju tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta’ Soċjali

**Il-Qorti:**

Dan huwa provvediment li qiegħed jingħata wara talba magħmula mill-atturi b’rikors tagħhom tal-4 ta’ Frar, 2015[1], li bih u għar-raġunijiet minnhom hemm imfissra, talbu li din il-Qorti kif presjeduta tirrikuża ruħha milli tkompli tisma’ iżjed din il-kawża, wara li waqt is-smigħ tal-20 ta’ Jannar, 2015, stiednu lil din il-Qorti biex tara jekk kellhiex tastjeni minn rajha milli tkompli tisma’ l-kawża;

Illi l-atturi jsejsu t-talba tagħhom biex jitħallew iressqu l-eċċezzjoni tar-rikuża f’dan il-waqt, minħabba li r-raġuni li għaliha qiegħda ssir tali talba nħalqet wara l-istadju tal-proċeduri ta’ l-iskritturi preliminari tal-każ[2], u dan wara li s-smigħ tal-kawża kien assenjat lil din il-Qorti kif issa presjeduta f’Jannar tal-2014 u għalhekk ma kienx hemm lok li jqanqlu l-eċċezzjoni fi stadju qabel dan tallum[3];

Illi r-raġuni li wasslet lill-atturi jressqu din l-eċċezzjoni hi li l-imħallef li qiegħed jisma’ din il-kawża huwa msieħeb bħala president f’assoċjazzjoni bl-isem ta’ *Assoċjazzjoni Radju Marija* li “għandu bħala għan ewlieni l-evanġelizzazzjoni tal-messaġġ ta’ Marija SS fl-isfond tat-tagħlim tal-Knisja Kattolika”. Dan kollu jressquh fil-qafas taċ-ċirkostanzi li wassluhom biex jiftħu din il-kawża, fost l-oħrajn, kontra l-Arċidjoċesi ta’ Malta dwar “abbużi sesswali li huma ġarrbu minn reliġjużi fi ħdan il-Knisja Kattolika meta kienu residenti f’dar tal-Knisja Kattolika tal-Arċidjoċesi ta’ Malta ... (li) kellhom effetti permanenti fuq l-iżvilupp

[1] Paġġ. 275 sa 281 tal-proċess
[2] Art. 154(2) tal-Kap 12
[3] Art. 739 tal-Kap 12

psikoloġiku tagħhom fis-sens imma mhux unikament li ma jafdawx dak li huwa assoċjat mal-Knisja Kattolika bħala organiżżazzjoni reliġjuża u mal-ġerarkija tagħha". Huma jidhrilhom li r-rwol tal-imħallef sedenti fl-imsemmija assoċjazzjoni tnisslilhom "biża raġonevoli li din il-pożizzjoni hija wisq viċina l-pożizzjoni tal-intimata Arċidjoċesi ta' Malta sabiex ikollhom smiegħ imparzjali";

Illi b'degriet tas-6 ta' Frar, 2015, il-Qorti ordnat li ssir in-notifika tar-rikors tal-atturi lill-partijiet kollha fil-kawża bi żmien għat-tweġiba;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrka Arċidjoċesi ta' Malta fit-2 ta' Marzu, 2015[4], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra saħqet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' l-eċċezzjoni mqajma mill-atturi u dan billi la hemm raġuni għar-rikuża taħt id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili ta' Malta, u lanqas jeżistu l-estremi ta' imparzjalita' suġġettiva jew oġġettiva;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrka Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl fit-2 ta' Marzu, 2015[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra wkoll warrbet it-talba tal-atturi bħala mhix mistħoqqa, fiergħa u abbużiva;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-imħarrkin Diretturi Ġenerali fis-6 ta' Marzu, 2015[6], li filwaqt li taw il-fehmiet tagħhom dwar is-siwi tar-raġuni tal-atturi, ħallew f'idejn il-Qorti biex tara jekk għandhiex tilqa' l-eċċezzjoni tagħhom tar-rikuża;

***Ikkunsidrat:***

[4] Paġġ. 284 – 6 tal-proċess
[5] Paġġ. 287 – 8 tal-proċess
[6] Paġġ. 289 – 290 tal-proċess

Illi l-Qorti tqis li t-tqanqil tal-kwestjoni min-naħa tal-atturi hija waħda li jmissha tittieħed b'akbar serjeta', l-aktar meta fl-istess rikors tagħhom huma jgħidu li s-sottomissjonijiet tagħhom "m'għandhomx jiġu interpretati bħala xi forma ta' kritika fuq l-aġir tal-Onor Imħallef ... bħala ġudikant fil-Qrati Superjuri ta' Malta";

Illi l-Qorti tagħraf li tabilħaqq ir-raġunijiet li għalihom ġudikant jista' jiġi rikużat milli jkompli jisma' kawża huma biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi[7] u, f'każijiet eċċezzjonali, raġunijiet oħrajn serji li jwasslu bħala xierqa u f'posthom ("*conveniente*") tali astensjoni jew rikuża[8]. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-jedd ta' smigħ xieraq b'mod imparzjali[9] u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja[10]. Dan il-prinċipju jsib applikazzjoni akbar fil-qafas ta' kawża ta' natura kostituzzjonali[11];

Illi minbarra dan, l-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża la huwa parzjali u lanqas korrott u li fuq kollox huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma' u jaqta' kull kawża li titressaq quddiemu.[12] U l-fatt waħdu li l-liġi nnifisha tagħti lil dak il-ġudikant is-setgħa li jqis jekk għandux jilqa' jew le talba biex jastjeni mis-smigħ ta' kawża ma ġġibx lil dak il-ġudikant daqslikieku sar waħda mill-partijiet fil-kawża;

Illi kif jgħidu l-imħarrkin, l-atturi ma semmew l-ebda dispożizzjoni tal-artikolu 734(1) tal-Kap 12 li għaliha toqgħod it-talba tagħhom f'din il-kawża;

---

[7] Art. 733 tal-Kap 12
[8] Ara, per eżempju, Kost. **18.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Norbert Ċiappara) vs Joseph Lebrun***
[9] P.A. GV **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Gambina vs Fithome Ltd***
[10] Kost. **27.9.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca pro et noe vs L-Onor. Prim Ministru noe et*** (Kollez. Vol: **LXVIII.i.40**)
[11] P.A. (Kost.) VDG **6.10.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Alfred Mifsud vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata)
[12] Kost. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Depasquale vs Avukat Ġenerali***

Illi jidher li l-atturi jorbtu t-talba tagħhom mal-fatt tal-"qrubija" tal-imħallef sedenti mat-twemmin ta' waħda mill-partijiet fil-kawża u ma' kull min jitqies – f'għajnejn l-istess atturi – bħala "assoċjat" magħha.  Il-fatt li din il-Qorti tħaddan fehma partikolari ma jfissirx li b'daqshekk biss hija ntrabtet biex ma tqisx b'mod imparzjali jew skond l-aġġornamenti interpretativi ġudizzjarji dawk il-każijiet li jitressqu quddiemha fejn xi kwestjoni tkun tirrigwarda dak it-twemmin.  Li wieħed jagħti din it-tifsira jkun qiegħed jistieden b'ħeffa li l-ġudikant jinża' mid-dmirijiet tiegħu taħt il-pretest ta' linja ta' ħsieb pre-formata;

Illi l-Qorti tagħraf u ma twarrabx b'ħeffa l-element tal-imparzjalita' suġġettiva u dik oġġettiva tal-ġudikant li kull parti f'kawża jistħoqqilha b'jedd tippretendi li jkun jimmanifesta ruħu.  Madankollu, dan il-jedd ma għandux jinbidel f'għodda li bih parti f'kawża toħloq biżgħa li ma jkunx fondat jew okkażjoni biex wieħed jidħol f'sajda għall-ġudikant li tibdel il-proċess ġudizzjarju f'konkors għall-għażla ta' ġudikant favorit fuq ieħor u li jwassal għal dak li bnadi oħrajn huwa magħruf bħala "*forum shopping*".  Dan jaf jissarraf f'abbuż tal-proċess ġudizzjarju taħt il-kappa tal-biżgħa tan-nuqqas ta' smigħ xieraq;

Illi f'dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta' ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla.  B'mod partikolari ingħad li "*il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f'kawża 'tħoss' jew 'jidhrilha' li ġudikant jista' jkun parzjali, allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża.  Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun* <u>*legalment*</u> *ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'.  It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif*

*mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli*"[13];

Illi bla ma toqgħod tfettaq iżżejjed fuq dettal, il-Qorti tqis li l-biżgħa tal-atturi dwar ir-raġunijiet li huma jsemmu dwar il-"qrubija" jew "assoċjazzjoni" tal-imħallef sedenti ma' waħda mill-partijiet imħarrkin ma huwa bl-ebda mod mistħoqq. L-assoċjazzjoni minnhom imsemmija hija waħda ċivili u la hija mwaqqfa mill-Arċidjoċesi u lanqas tiddependi minnha, iżda minn organiżżazzjoni internazzjonali li ma tweġibx għall-Arċidjoċesi. Dawn huma ċirkostanzi oġġettivi biżżejjed biex juru li s-suspetti tal-atturi jinbnew fuq fehma ħażina jew mhix mgħarrfa biżżejjed b'dak li hu;

Illi fl-aħħarnett, il-Qorti tqis li t-tqanqil tal-kwestjoni min-naħa tal-atturi bl-ebda mod ma tnaqqas is-serenita' u l-impenn li l-każ li għandha quddiemha jitlob mingħandha u li hija tagħżel li tkompli twettqu fid-dawl tal-impenn minnha meħud li tagħmel ħaqq ma' min ikollu jedd għalih;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qiegħda:

**Tiċħad l-eċċezzjoni ta' rikuża** u tordna li s-smigħ tal-kawża jitkompla quddiemha kif issa komposta**.**

## < Sentenza In Parte >

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[13] App. Krim. **15.11.2004** fil-kawża ***Repubblika ta' Malta vs Ibrahim Ramadan Ghamber Shnishah***